**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**Deċiżjoni Numru: 3041**

Każ Numru: 4311/ JB

BeHaviour Hotel Limited (C-81771)

vs

Liljana Gjicheva (K.I. 0188655A)

Datata : 11.12.2024

*Dwar: Allegat ksur ta' Kuntratt ta' Impieg in linea mal-Art: 36 (12) Kap: 452*

**Chairperson: Is-sur John Bencini B.A. (Hons) Lic. Phil., Lic. Theology., M.O.M.**

INTRODUZZJONI:

Is-Soċjeta' rikorrenti BeHaviour Hotel Limited tesponi bir-rispett:

Illi l-intimata kienet impjegata bħala ' housekeeping supervisor' mal-kumpanija rikorrenti u daħlet f'dan l-inkarigu fi-13 ta' Lulju, 2023 permezz ta' kuntratt ta' impieg definittiv għal-perijodu ta' sena li kellu jibda mill-25 ta' Lulju, 2023. Minkejja dan il-ftehim, l-intimata għazlet li tabbanduna xogħolha fl-aħħar ta' Marżu, 2024. Hija ħadmet sa l-aħħar ta' Marzu tal-istess sena.

Id-dħul tal-intimata (basic wage) mill-impieg mas-soċjeta' rikorrenti kellu jkun l' ammont ta' tliet mija u ħdax-il-Euro u ħamsin ċentezmu (311.54 euro) fil-ġimgħa. L-intimata ħadmet għal ħamsa u tletin (35) gimgħa u ħamest ijiem minflok għal tnejn u ħamsin (52) ġimgħa.

Għaldaqstant, skond is-surreferit Artiklu 36 (12) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, l-intimata għandha tħallas lis-Socjeta' Rikorrenti, nofs il-paga ta' bejn l-1 ta' April, 2024 u l-24 ta' Lulju tas-sena 2024. Dan il-ħlas jammonta għal elfejn u ħames mija u erbgħa u erbgħin Ewro u ħamsa u għoxrin ċentezmu (2544.25 euro), ikkalkulat hekk:

1. Elf u tliet mija u ħamsin Ewro (1350 euro) fix-xahar għal tnax (12) il-xahar = sittax-il-elf u mitejn Ewro (16, 200.00) fis-sena.

2. Sittax-il-elf u mitejn Ewro (16200.00 Euro) imqassmin fi tnejn u ħamsin (52) gimgħa = tliet mija u ħdax il-Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (311.54 euro) fil-ġimgħa.
3. Erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa jammontaw għal ħamest (5) ijiem ta' tmien (8) siegħat xogħol fil-ġimgħa. Tliet mija u ħdax-il-Ewro u erbgħa u ħamsin ċentezmu (311.54 euro) fil-ġimgħa imqassmin f'ħames (5) working days fil-ġimgħa = tnejn u sittin Ewro u tletin ċentezmu (62.30 Euro) kull jum.
4. L-intimata kien għad imissha taħdem ix-xhur ta' April.Mejju, Ġunju u Lulju.
5. Elf u tliet mija u ħamsin Ewro (1350.00 Euro) fix-xahar għal erbgħa (4) xhur = ħamest elef u erbgħa mitt Ewro (5400.00 Euro)
6. Ħamest elef u erbgħa mitt Ewro (5400 euro) - ħames (5) ijiem li ħadmet oltre l-intimata (tnejn u sittin Ewro u tletin ċentezmu (Euro62.30) x ħamsa (5) = tliet mija u hdax-il Ewro u ħamsin centezmu Euro (311.50) = ħamest elef u tmienja u tmenin Ewro u ħamsin centezmu (Euro 5088.50)
7. Ħamest elef u tmiejna u tmenin Ewro u ħamsin ċentezmu (Euro 5088.50) imqassma fi tnejn (2) = elfejn u ħames mija u erbgħa u erbgħin Ewro u ħamsa u għoxrin ċentezmu (Euro 2544. 25)
8. Għaldaqstant is-somma dovuta lis-soċjeta' esponenti mill-intimata hija ta' elfejn u ħames mija u erbgħa Ewro u ħamsa u għoxrin ċentezmu (Euro 2544.25).

Għaldaqstant is-Soċjeta rikorrenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex, prevja kull dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna;

1. Jiddikjara illi l-intimata unilateralment itterminat l-kuntratt tax-xogħol tagħha ta' żmien definit datata 13 ta' Lulju, 2023 mas-Soċjeta' Rikorrenti.
2. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimata hija debitrici tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' elfejn u ħames mija u erbgħa u erbħin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu Euro 2544.25) rappreżentati l-ammont dovut minnha lis-soċjeta' rikorrenti skond l-Artiklu 36 (12) tal-kap 542 tal- Ligijiet ta' Malta.
3. Tikkundanna lill-intimata tħallas lis-soċjeta' rikorrenti l-imsemmi ammont ta' elfejn u ħames mija u erbgħa u erbgħin Euro u ħamsa u għoxrin ċentezmu (Euro 2544.25).

Risposta ta' l-Intimata Liljana Gjicheva tramite l-Av. Joseph Borda:

It-talbiet tas-Socjeta' Rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan għal dawn ir-raġunijiet:

Minkejja li fil-kuntratt tax-xogħol, il-partijiet fthemu li l-intimata kellha tkun impjegata bħala ' Housekeeper Supervisor, sid il-kumpanija Theresa Chiaracane sfuttat lill-intimata u b'mod abusiv billi gelietha tagħmel kwalunkwe

xogħol ieħor li dehrilha, anke kontra l-volonta' tagħha, u dan a kuntrarju ta' dak mifthiem fil-kuntratt tax-xogħol.

Minkejja li fil-kuntratt tax-xogħol, il-partijiet fthemu li l-intimata se taħdem f' Londoner Hotel, Theresa Chiaracane biddlet il-post tax-xogħol tal-intimata diversi drabi, fejn kellha tirrapporta għax-xogħol f'diversi postijiet remoti bħaċ-Ċirkewwa, l-Belt, tas-Sliema, Kappara u Qawra u dan ħafna drabi bi pre-avviż ta' ġurnata waħda biss u mingħajr l-ebda konsiderazzjoni li l-intimata ma ssuqx.

F'diversi okkażjonijiet oħra, l-intimata saħansitra anke kellha taħdem fir-residenza privata ta' Theresa Chiaracane, bħallikieku kienet s-seftura privata tagħha. L-intimata ġiet soġġetta għal trattament diskriminatorju a' tenur ta' artikoli 26(1) (b) u 2(c) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bħala konsegwenza tal-agir abusiv tar-rikorrenti, l-intimata sofriet minn anzjeta' kbira u ma felħitx tiġi soġġetta iktar għal dak it-trattament u ma kelliex alternattiva ohra ħlief li titlaq.

Kif dejjem isir ma mpjegati oħra, l-partijiet fthemu li l-intimata setgħet titlaq wara li taħdem ħmistax il-ġurnata.

Għaldaqstant. In vista tas-suepost, u kif se jiġi ppruvat fis-smieħ tal-kawża, l-intimata titlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal japplika it-tieni proviso ta' artiklu 36(14) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta u jiċħad t-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez.

XHIEDA u AFFIDAVITS.

Xehdu fost ohrajn: l-intimata Liljana Gjicheva, Tereza Chiaracane, Salvatore Chianello (Director of the Company BeHaviour Hotel Limited).

SOTTOMISSJONIJIET MILL-AVUKATI. (Fil-Qosor).

L-Avukat Joseph Borda ghall-intimata:

Although in its first demand, the plaintiff is asking the Honourable Tribunal to declare that the defendant broke the fixed term contract four months earlier, from evidence, it transpires that defendant did not abandon her job but left in agreement with the plaintiff after that a resignation letter was handed and accepted by the employer on condition that a two weeks' notice is worked. The plaintill confirmed the existence of this agreement under oath, in fact, a one-week notice proposed by the defendant was not accepted and the plaintiff requested that defendant works for two weeks before leaving. Plaintiff also

confirmed that the mention of penalties was just made to try and convince the defendant not to leave.

It is pertinent to note that the obligation to work a notice period is only applicable in indefinite contracts of employment and the fact that plaintiff required defendant to work for two weeks before leaving signifies that the parties were varying the employment contract to this extent.

From evidence, it transpires that the defendant signed two one-year contracts with the plaintiff company, the first dated 1/9/2022 and the second dated 25/7/2023. During the duration of the first contract, defendant was unhappy, since she was requested to work in different locations. It also transpires that defendant was given sewing tasks, which she detested and about which she repeatedly complained with the plaintiff, who to add insult to injury, also gave her sewing tasks in her personal home. When she was removed from Londoners hotel under the pretence that the hotel manager received a complaint email from a hotel guest, she moved to Urban Valley, here again, she was given sewing tasks, where she had to work alone in a room for months up to three days a week sewing curtains. Such tasks were even placed on a roster.

Although the plaintiff exploited defendant for two years, it shamelessly presents a case to try and squeeze out of the employee Euro2,544.25, a claim that would throw the defendant into poverty. As explained, the defendant did not abandon her job but the parties agreed that she can leave on the condition that she works for two weeks, Without prejudice to the above, there exist good and suffcient grounds in terms of article 36(14) of Chapter 452, for the defendant not to pay the amount being demanded by the plaintiff.

L-Avv. Eliza Borg Rizzo ghas-Soċjeta Intimata.

Il-mertu tal-kawża odjerna tikkonsisti fl-applikazzjoni tal-Artiklu 36 (12) tal-kapitlu 452 tal-Liġijiet ta’ Malta li jiddetta s-seguenti: “ Impjegat li jitlaq mis-servizz tal-principal tiegħu qabel iż-żmien specifikat f’kuntratt ta’ servizz, ikollu jħallas lill-prinċipal tiegħu somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li ghaliha huwa kien ikollu jedd kieku huwa baqa’ fis-servizz għall-bqija taż-żmien hekk espressament miftiehem”.

Il-kuntratt tal-impieg iddatat il-25 ta’ Lulju, 2023 huwa car u allavolja f’diversi istanzi waqt l-andament tal-kawża, l-intimata tgħid illi qrat il-kuntratt kemm il-darba, hemm distakk kbir bejn dak illi iffirmat hi ghalih u dak li allegat fir-risposta taghha u waqt l-andament tal-kawza.

Il-kuntratt li beda fil-25 ta' Lulju, 2024 huwa l-uniku kuntratt mertu ta' din il-kawża jikkwota is-segwenti: "Place of Work. The Londoner Hotel and such other premises as may be occupied, operated or managed by the Employer from time to time. Provided that the Employee may be required

to travel beyond the geographical borders of Malta as and when required by the Employer's exigenses."

Is-Socjeta' rikorrenti taghmel li tista sabiex izzomm lill-impjegati fl-istess post tax-xogħol. Pero', in-natura tax-xogħol tas-soċjeta' tinnenessita illi ġieli l-post jinbidel. Fil-fatt, Teresa Chiarcane, azzjonista fis-Soċjeta' Rikorrenti, qalet is-segwenti waqt il-kontro-ezami tagħha fis-seduta tat-12 ta' Lulju, 2024. "My company is outsourcing and she knows my company is outsourcing… put people in the same place… because I don't like people to move… but when happen something happens, I must replace. And she agreed to go there because when change hotel for a good opportunity… she learn more".Izda ma huwiex minnu li kienet il-ħin kollu tbiddel il-post tax-xogħol.

L-intimata kienet taf eżattament x'kienu r-rekwiżiti tax-xogħol tagħha meta ffirmat il-kuntratt. Il-verita' hija illi f'nofs l-impieg li aċċettat hi, iddeċidiet li riedet xogħol ġdid u dan m'huwiex aċċettabbli.

L-intimata hadmet ġewwa d-dar ta' Teresa Chiaracane darba biss u bi qbil magħha. U dan f'Jannar 2023 u għal darba oħra, dan huwa barra mill-ambitu ta' din il-kawża, għaliex ix-xogħol sar waqt l-ewwel kuntratt ta' impieg. Dwar ix-xogħol li għamlet l-intimata ġewwa d-dar ta' Teresa Chiaracane, dan għamlitu minn ruha u, kuntrarju għal dak li allegat fir-risposta tagħha, hija qatt ma ġiet mistoqsija tnaddaf ġewwa id-dar tagħha. L-intimata stess ikkontradixxiet lilha mnifisha waqt il-kontro-ezami tagħha fis-seduta miżmuma nhar il-ġimgha 6/9/2024, fejn hi stess ammettiet li qatt ma ngħaddfet ġewwa ir-residenza tas-sinjura Chiaracane.

M'huwiex minnu li Teresa Chiaracane sfruttat lill-intimata jew li giegħlitha tagħmel kwalunkwe xogħol li dehrilha. Hija ħadmet biss f'housekeeping u x-xogħol sar bi qbil bejn il-partijiet.

M'huwiex minnu illi s-soċjeta' rikorrenti fthiemet li l-intimata setgħet titlaq wara li taħdem ħmistex il-ġurnata mingħajr riperkussjonijiet. Il-partijiet fthiemu bejniethom bil-fomm illi taħdem almenu ħmistax il-ġurnata qabel ma titlaq, pero' xorta waħda taħt il-kundizzjoni kuntrattwali u legali li jekk titlaq qabel ma jispicca l-kuntratt, anke jekk taħdem ħmistax il-ġurnata oħra, l-intimata jkollha tħallas il-penali maħsuba fl-Artiklu 36(12) tal-Kapitlu 452 tal-Liġijiet ta' Malta

Għar-raġunijiet kollha hawn esposti, joħrog car illi l-allegazzjonijiet kollha tal-intimata huma foloz għall-aħħar. Bħalma ġie ampjament evidenzjat u kkonfermat mill-intimata stess, hija aċċettat li tagħmel xi xogħol ġewwa r-residenza ta' Teresa Chiaracane.

Ir-raġuni għaliex waqfet taħdem mas-Soċjeta Rikorrenti, qabel ma għalaq it-terminu kien' il-għaliex fettlilha li riedet issib xogħol ieħor. L-intimata hija unikament responsabbli għall-ksur tal-kuntratt ta' impieg bejn il-partijiet ta' din il-kawża.

KUNSIDERAZZJONIJIET:

Il-kompitu ta' dan it-Tribunal kien li jiddeċiedi jekk dan kienx kaz tal-ksur tal-kuntratt tal-impieg in linea mill-Art 36 (12) li jgħid," impjegat li jitlaq mis-servizz tal-Principal tiegħu qabel iż-żmien speċifiku fil-kuntratt ta' servizz għandu jħallas lill-Prinċipal tiegħu somma  li tkun daqs nofs il-paga kollha li għaliha huwa kien ikollu jedd kieku huwa baqa' fis-servizz għall-bqija taż-żmien hekk espressament miftiehem.

Dan għamlu billi analizza l-fatti kollha u xtarr bir-reqqa dovuta l-argumenti kollha mqajjma matul dan il-proċess u dan kif sponut mix-xhieda, id-dokumenti mill-partijiet u is-sottomissjonijiet finali tal-avukati. Assolutament fix-xhieda kemm tal-intimata, kif ukoll tas-Soċjeta' Rikorrenti ma jidher imkien li l-intimata kienet sfruttata jew ittrattata ħazin jew b'xi nuqqas ta' rispett u b'mod abusiv, It-Tribunal josserva li huwa minnu li kultant kien hemm xi nuqqas ta' qbil bejn iż-żewg naħat, izda dawn kienu fuq ħwejjeg trivjali. Bl-ebda mod ma ħareg ċar matul is-smiegħ mix-xhieda li l-intimata kienet ittrattata bħala xi seftura privata.

Fil-fatt kienet l-intimata li ddecidiet li tabbanduna xogħolha fl-aħħar ta' Marzu, 2024. Ta' min jinnota wkoll li hija aċċettat li taħdem fejn ikollha bżonnha is-soċjeta' rikorrenti skond il-htigijiet. L-intimata stess waqt ix-xhieda tagħha tammetti li tifhem li kulltant ikun hemm raġunijiet validi li ikollha tmur taħdem f'xi post iehor skond il-bżonnijiet u ċ-ċirkustanzi. Hija stess ammettiet li hija konsapevoli ta' dan kollu.

Żgur li l-intimata kienet taf sew x'kienu r-rekwiżiti tax-xogħol tagħha meta iffirmat il-kuntratt u kienet għalhekk taf bil-konsegwenzi jekk hija tabbanduna ix-xogħol tagħha jekk mhux għal raġunijiet serji fejn hi kienet mġiegħla jew kostretta li tirreżenja mill-impieg kontra r-rieda tagħha.

Għalhekk sabiex wasal għal tali konklużjoni, it-Tribunal  ħares lejn diversi cirkustanzi fosthom li jara x'kienu r-ragunijiet li wasslu għar-rizenja, ra jekk ir-riżenja kienitx direttament marbuta mar-raġunijiet li għamlu l-ħajja ta' l-intimata fuq il-post tax-xogħol insapportabbli, evalwa jekk dawn ir-raġunijiet kienux serji

biżżejjed li nkiser parti fundamentali tal-kuntratt tax-xogħol, evalwa jekk kienx hemm process fejn il-ħaddiem poġġa l-ilmenti tiegħu quddiem is-superjuri tiegħu biex ikunu riżolti l-istess ilmenti, evalwa jekk il-Management ħadux l-ilmenti bis-serjeta' u jekk għamlux ħilithom biex ikunu rizolti b'mod ġust, u jekk kienux serji biżżejjed. Wara li evalwa dan kollu wasal li jieħu id-deċiżjoni segwenti.

DECIDE:

It- Tribunal Industrijali fir-rigward tal-Kaz : 4311 fil- Kwistjoni tax-Xogħol bejn BeHavior Hotel Limited u Liljana Gjicheva dwar ksur ta' kuntratt b'impieg in linea mal-Art. 36 (12) tal-Kap 452 wasal għal din id-deċiżjoni:

Isib illi Liljana Gjicheva kissret il-kuntratt tal-impjieg definit meta irriżenjat mix-xogħol qabel l-iskadenża tat-terminu tal-kuntratt u konsegwentament qed jordna lill Liljana Gjicheva sabiex tħallas is-somma ta' elfejn u ħames mija u erbgħa u erbgħin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu ( Euro 2544.25) lill-BeHavior Hotel Ltd fi zmien sitt xhur (6) mid-data ta' llum u li dawn jithallsu f' installments bi qbil miż-żewġ naħat.

B' hekk tintemm din it-tilwima tax-xogħol.

(Iffirmat)

John Bencini B.A. (Hons)., Lic. Phil., Lic. Theology. M.O.M.